MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2015

Avviz Numru. 62/2011

**MelitaUnipol Insurance Agency Limited gia Melita Insurance Agency (C 17764)**

**vs**

**C & F Building Contractors Limited (C 15308)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors promotur ippresentat fl-1 ta' Marzu 2011 fejn is-socjeta intimata talbet lill_Qorti tikkundanna lis-socjeta intimata thallasha is-somma ta' erbat elef, erbgha mija u tlieta u ghoxrin euro u erbgha u tlein centezmu (€4,423.34) rappresentanti somma certa likwida u dovuta rappresentant prezz ta' diversi poloz ta' l-assikurazzjoni illi s-socjeta intimata ghandha mas-socjeta rikorrenti u li, minkejja diversi interpellazzjonijiet, baqghet qatt ma hallset.

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata ippresentata fil 15 ta' Marzu 2011 fejn laqghet ghal dak mitlub billi qalet illi d-domandi attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u dana peress illi kien hemm diversi nuqqasijiet da' parte tas-socjeta rikorrenti u ghalhekk il-premium rikjest mis-socjeta rikorrenti ma kienx dovut abbazi tal-obbligu ta' 'uberrima fides' illi kull parti ghandha f'kuntratt ta' assikurazzjoni.

Rat illi fil-15 ta' Marzu 2012 is-socjeta intimata ressqet eccezzjoni ulterjuri fis-sens illit-talbiet attrici huma preskritti bit-trapass ta' hames snin a tenur ta' l-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fl-20 ta' Settembru 2011 il-Qorti ordnat l-inverzjoni tal-provi in vista ta' l-eccezzjonijet imqajjma mis-socjeta intimata.

Semghet ix-xhieda ta' **Rodianne Bonnici**, senior accounts clerk mas-socjeta intimata, moghtija in ezami fis 16 ta' Marzu 2012 u in kontro ezami fl-4 ta' Gunju 2012 u fid 19 ta'' Ottubru 2012.

Rat illi fid 19 ta' Ottubru 2012 is-socjeta intimata iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Semghet ix-xhieda ta' **Darren Vella**, accountant tas-socjeta rikorrenti moghtija fil 5 ta' Lulju 2013.

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2013, wara ix-xhieda ta' Darren Vella, is-socjeta rikorrenti ippresentat nota illi biha rriduciet it-talba attrici ghas-somma ta' elfejn tlett mija u hamsa u tmenin Euro u tlettax-il centezmu (€2,385.13) stante illi diversi pagamenti illi kienet ghamlet is-socjeta intimata ma kienux gew meqjusa mis-socjeta rikorrenti fil-konteggi taghha.

Rat illi fit 13 ta' Ottubru 2014, wara diversi seduti fejn ma gara xejn, il-Qorti dikjarat il-provi kollha tal-partijiet bhala maghluqa u halliet il-kawza ghas-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-Ittra Ufficjali intavolata a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap 12 datata 6 ta' Novembru 2009 esebita mis-socjeta rikorrenti fit 3 ta' Novembru 2014.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta rikorrenti ippresentata fis 7 ta' Novembru 2014.

Rat illi fil-5 ta' Marzu 2015 il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonjiet tas-socjeta intimata ippresentata fil 25 ta' Marzu 2015.

**Ikkunsidrat**

Jirriuzlta illi s-socjeta intimata ghandha diversi vetturi fi hdan is-socjeta taghha, aktar minn sebghin vettura skond ix-xhieda tas-senior accounts clerk taghhom Rodianne Bonnici, liema vetturi kienu lkoll assikurati mas-socjeta rikorrenti.

Jirrizulta illi, mument minnhom, il-partijiet ma bdewx jaqblu bejniethom dwar il-pendenzi dovuti mis-socjeta intimata lis-socjeta rikorrenti ghad-diversi assikurazzjonijiet mahruga mis-socjeta rikorrenti lis-socjeta intimata ghal vetturi taghha.

Jirrizulta illi fis 6 ta' Novembru 2009 is-socjeta rikorrenti baghtet Ittra Ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A illi, ghalkemm kontestata permezz ta' nota ippresentata fl-4 ta' Dicembru 2009, interrompiet it-rtapass tal-perdiou preskrittiv ta' hames snin bir-rizultat illi dak kollu dovut mis 6 ta' Novembru 2004 'l quddiem kien ghadu pendenti legalment.

Jirrizulta illi fis-seduta tal 5 ta' Lulju 2013, is-socjeta rikorrenti, wara illi hadet konjizzjoni tax-xhieda tas-socjeta intimata quddiem dina l-Qorti, irriduciet it-talba originali taghha ghas-somma ta' elfejn tlett mija u hamsa u tmenin Euro u tlettax-il centezmu (€2,385.13).

Jirrizulta, minn harsa akkurata ta' l-istatement ippresenata mis-socjeta rikorrenti a fol 2 sa 5 tal-process mar-rikors promotur u l-istatement ippresentat mill-accountant tas-socjeta rikrorenti a fol 62 tal-process illi l-kontijiet kollha li ghad jidher illi huma pendenti huma lkoll pagament dovuti f'data illi tmur qabel is 6 ta' Novembru 2004, u ghalhekk, ghandhom jitqiesu bhala preskritti.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha,

Wara illi rat in-nota ta' sottomissjonjiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-vertenza billi

**Tilqa** l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 u ghalhekk

**Tichad** l-talba attrici.

Spejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu a kariku tas-socjeta rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------